**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 66**

Il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Segretarju Eżekuttiv

**66.1 Talba**

66.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

**66.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

66.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**66.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

66.3.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 64 u tal-laqgħa b'urġenza numru 65 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

**66.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

66.4.1 *Email* rigward skema Ġonna fl-Urban sabiex il-kunsill ikun jista' jakkwista minimu ta' ħamsin (50) siġra jew taż-Żebbuġ jew tal-Larinġ. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandha napplikaw għal ħamsin (50) siġra taż-Żebbuġ.

66.4.2 Rigward l-iskema ta' *Clean Up The World,* il-kunsilliera qablu li għandu jitnaddaf xi parti ta' xi wied jew partijiet mit-toroq ewlenin u li d-data magħżula ma tkunx taħbat mad-data tal-event tal-attivita' Traditions.

66.4.3 *Email* rigward l-insurance tal-Electric Van, fejn hemm indikat li hemm xi dettalji neqsin u mhux korretti, għalhekk għandha tintbagħat il-formola bid-dettalji kkoreġuti u ffirmata.

66.4.4 Wara li kienet intbgħatet il-formola ta' varjazzjonijiet fit-tender ta' Triq ta' Wied Sara, il-Kunsill irċieva *email* mill-*Procurement Division* fi ħdan id-Dipartiment fejn tali formola ma ġietx approvata.

66.4.5 *Email* mingħand Care Malta Group, sabiex jinfurmaw li tista' ssir żjara ta' familjarizzazzjoni f'Dar San Ġużepp. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u l-kunsilliera Liża Mintoff ppproponiet li tali tista' ssir f'jum il-missier.

66.4.6 Id-data ta' sottomissjonijiet tat-tender tas-CCTV għalqet u issa għandhom jiġu evalwati l-offerti sabiex tintgħażel l-aħjar waħda.

**66.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

66.5.1 Il-Kunsillier Sammy Saliba saqsa tistax tissolva problema ta' xi ilma jnixxi bil-mod minn sqaq fi Triq il-Knisjal u li qed jispiċċa quddiem xi residenti

oħra u li qed ikun ta' inkonvenjent. Il-Kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni sabiex tiġi solvuta din il-problema.

**66.6 Inawgurazzjoni Ġnien Kenn is-Salvatur**

66.6.1 Bħala data ta' inawgurazzjoni ġie maqbul li ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2024 meta jsiru l-logħob għal kull eta'. Wara l-quddiesa li tkun ddedikata għat-tfal, issir l-inawgurazzjoni ta' Ġnien Kenn is-Salvatur u wara tittella l-attivita' Logħob għal kull eta'! Għandha titqabbad persuna sabiex tirranġa l-parti tal-ġnien li hemm fil-playing field.

66.6.2 Il-ġnien Kenn is-Salvatur għandhu jkun inkluż fl-insurance tal-SME.

**66.7 Materji Oħra**

66.7.1 Rigward is-siġar li hemm fil-bitħa tal-kunsill ġie deċiż li għandha terġa ssir komunikazzjoni mas-Sur Baldacchino sabiex jiġi stabbilit meta hu l-aħjar żmien sabiex jitħawwlu dawn is-siġar u sabiex jinstab post fejn l-aħjar li tali jkunu jistgħu jitħawwlu.

66.7.2 B'referenza għal konsultazzjoni mal-Perit rigwardanti xogħolijiet mar-rampa fi Triq Wied Sara, il-Kunsill japprova l-pagamenti relatati ma dawn ix-xogħolijiet li ġew indikati mill-perit inkarigat.

66.7.3 Peress li wara r-rapport tal-MCCAA, kien hemm xi xogħolijiet relatati mad-dawl li riedu jsiru, l-Kunsilliera qablu li għandha timtela' l-formola tal-varjazzjonijiet relatati max-xogħolijiet ta' dawl.

66.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm problema fil-backup tas-SAGE u ġew ikkuntattjati xi kumpaniji li huma SAGE Partners sabiex tingħata kwotazzjoni għax-xogħol rikjest sabiex tissolva l-problema tal-backup. L-accountant offra soluzzjoni sabiex tiġi solvuta tali problema, ħalli jkun jista' jitkompla l-proċess sabiex tingħalaq is-sena finanzjara 2023.

66.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa ħallas *subscription* ta' programm sabiex ikun jista' jiffaċilita x-xogħol relatat mal-avviżi tal-kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

66.7.6 Rigward l-attivita' Traditions għad fadal l-grupp tal-bidu, u għalhekk għandhom jiġu mitkellma diversi gruppi oħra sabiex jinstab il-grupp li jiftaħ is-serata. DCapitals, Freddie Portelli u DJ Sue kollha kkonfermaw il-preżenza tagħhom.

66.7.7 Għall-attivita' tal-Logħob għal kull eta' għandhom jiġu ordnati t-trophies għall-parteċipanti, u li għal waqt l-attivita' l-parteċipanti għandhom jingħataw flixkun ilma u xi snack.

66.7.8 Resident fi Triq Salvu Gambin, talab li jsiru d-double lines quddiem tiegħu u għalhekk għandu jintalab permess mingħand Transport Malta sabiex naraw jekk hux possibbli li dawn isiru.

66.7.8 Peruna talbet li jsiru d-*double line* jew tabella tan-*No Parking* quddiem tal-Patroċinju, u għalhekk għandu jintalab permess lil ta' Transport Malta sabiex naraw jekk hux possibbli li jsiru jew d-*double lines* jew tabella bin-*No Parking*.

66.7.9 Residenti fi Triq il-Qadima, Triq il-Fanal u Triq ta' Għammar talbu li ssirilhom bankina quddiem il-post. Il-Kunsilliera qablu li għandna napplikaw sabiex tali bankini jsiru mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

66.7.10 Resident talab li titranġa parti minn Triq il-Qadima. Il-Kunsill qabel unanimament li niċċekjaw jekk hemmx xi skema relattiva sabiex inkunu nistgħu napplikaw għaliha.

66.7.11 Persuna nfurmat li waqa' ħajt ta' għalqa għal ġot-triq u talbet li jiġi rranġat. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi ċċekjat fejn waqa' dan il-ħajt u jekk hux kompetenza tal-Kunsill.

66.7.12 Resident talab li ssir tabella tan-*No Dumping* quddiem għalqa peress li qed jitfgħu ż-żibel ġo din l-għalqa. Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir din it-tabella. Talab ukoll li jkun jista' jiftaħ fetħa fil-ħajt tas-sejjieħ tal-għalqa. Il-Kunsilliera qablu unanimament li din mhux kompetenza tal-Kunsill.

66.7.13 Resident informa li wara nbena post ġdid u peress li l-istess post huwa rtirat il-ġewwa, rampa li qiegħda fl-inħawi li tagħti għal ġo għalqa issa spiċċat fin-nofs u hija perikoluża. Il-Kunsilliera qablu unaniment li għandu jiġi vverifikat jekk huwiex sid l-imsemmija għalqa u filkaż il-Kunsill jipprovdilu l-materjal u tkun tista' tiġi solvuta l-problema tar-rampa.

66.7.14 Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma li fi Triq il-Fanal hemm bżonn li jsir *shutter* tal-konkos (dorga) u l-arblu li hemm diġa jitressaq lura. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex imur jara x'xogħolijiet hemm bżonn li jsiru u jekk ix-xogħolijiet jistgħu jsiru mill-kuntrattur, il-Kunsill qed japprova l-istess.

66.7.15 Il-Viċi Sindku nforma li l-maġġor parti tax-xogħolijiet marbuta mar-rampa fi Triq Wied Sara huma lesti u li jitwaħħal puġġaman u li r-residenti

t'hemmhekk talbu li jitwaħħlu żewġ bankijiet. Il-Kunsilliera qablu unanimament li hekk kif titlesta ċ-ċangatura jiġi ordnat il-puġġaman għat-turġien ħalli ma jkunx hemm perikolu u għandha tinġab kwotazzjoni tal-bankijiet u jitwaħħlu l-bankijiet.

66.7.16 Is-Sindku nforma li r-residenti ta' Triq Wied Sara talbu li jitpoġġew xi pots bil-pjanti matul it-triq, u l-Kunsilliera qablu unanimament li tali pots għandhom jsiru wara li jibda u jkun lest il-proġett tat-triq.

66.7.17 Is-Sindku rringrazja lill-kunsilliera u l-istaff kollu tax-xogħol imwettaq matul din il-leġislatura.

**66.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

66.8.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-61.

**66.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

66.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |